**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Tamar Elbakidze**

**Illum 28 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Tamar Elbakidze** ta' tnejn u tletin (32) sena, imwielda ġewwa Gori, Ġeorġia, nhar it-08 ta' Marzu 1992, residenti ġewwa Starfish Court, Flat 2, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, u detentriċi tal-Karta tal-Identità Ġeorġjana bin-Numru 59001109820, talli għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) u t-tmienja (20:00hrs) ta' filgħaxija ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa l-istabbiliment Zara, li jinsab ġewwa Triq ix-Xatt, Sliema, kantuniera ma' Triq it-Torri Sliema:-

1. Ikkommettiet serq ta' ħwejjeġ, żraben u baskett, liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin stante li s-serqa ġiet kommessa wara nżul ix-xemx, u bil-valur, liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan sar għad-detriment ta' Silvio Carabott sid l-istabbiliment Zara u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur ta' Artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputata tirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnha misruqa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' sentenza sospiża skond l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta markat Dok. "X" u rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "D";

Rat li l-imputata ddikjarat li ma għandiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja u wieġbet li hija ħatja ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti spjegatilha l-implikazzjonijiet ta' l-ammissjoni tagħha u tatha biżżejjed żmien biex terġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi mixlija talli għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) u t-tmienja (20:00hrs) ta' filgħaxija ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa l-istabbilliment Zara, li jinsab ġewwa Triq ix-Xatt, Sliema, kantuniera ma' Triq it-Torri Sliema: (1) Ikkommettiet serq ta' ħwejjeġ, żraben u baskett, liema serq huwa ikkwalifikat bil-ħin stante li s-serqa ġiet kommessa wara nżul ix-xemx, u bil-valur, liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan sar għad-detriment ta' Silvio Carabott sid l-istabbiliment Zara u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur ta' Artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputata wieġbet li hija ħatja ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjoni hekk dedotta kontriha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat dedott fil-konfront tal-imputata, liema reat, għad li l-ammont mhux eżorbitanti, żgur li ma jistax jitqies li huwa trivjali. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputata għandha fedina penali netta u li rreġistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 20, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja, fuq ammissjoni tagħha stess, ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u tikkundannaha għall-sena (1) priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet, fosthom il-fedina penali netta ta' l-imputata u l-ammissjoni bikrija tagħha, li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputata, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sena (1) priġunerija hawn impost fuq l-imputata għall-perijodu ta 'sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar ir-responsabilità tagħha taħt dan l-Artikolu li jekk hija tikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputata tħallas lill-vittmi f'dawn il-proċeduri s-somma ta' €340.43, rappreżentanti il-valur ta' l-oġġetti misruqa li minħabba ħsara li saritilhom ma jistgħux jerġgħu jintużaw. Il-ħlas irid isir fi żmien massimu ta' erbat (4) ijiem mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi ma ġewx nominati Periti u/jew Esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**